KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 21 – Il-ĠIMGĦA 3 TA' LULJU 2020**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**21.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

21.1.1 Ma kienx hemm.

**21.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

21.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (20) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

21.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 21.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

21.3.1 Ma kienx hemm.

## 21.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

21.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-Avviż Legali biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni sussidjarja SL 549.90 dwar l-ammenda fl-iskeda tal-immaniġġjar tal-iskart għada kif ġiet ippubblikata fis-26 ta' Ġunju u għaldaqstant se ssir laqgħa fl-immedjat mal-Iskema awtorizzata GreenMT biex il-Kunsill jippjana għat-tieni ġabra tal-ħġieġ kull tielet ġimgħa tax-xhar. Is-Sindku żied jgħid li ser jieħu l-opportunità biex il-Kunsill jerġa jibgħat l-iskeda aġġornata lir-residenti kollha biex tgħinhom jimmaniġġjaw l-iskart skont l-iskeda aġġornata. Bin-negozjati li saru mal-iskema awtorizzata Green MT, ir-resident ser ikollu servizz addizzjonali kull tielet ġimgħa tax-xhar biex jiddisponi mill-ħġieġ minn wara l-bieb tar-residenza tiegħu.

21.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-Ministeru għall-Biedja, Sajd u drittijiet tal-Annimali kien ser joħroġ applikazzjonijiet biex tingħata għajnuna lill-Kunsilli Lokali partikolarment għall-*istrays* fil-lokalità. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jaħtaf din l-opportunità u japplika għal din l-iskema. Informa li kienet se ssir laqgħa informattiva u s-Sindku stieden lill-Kunsillier Godwin Catania bħala l-Kunsillier li għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu l-Ambjent u l-Ħarsien tal-annimali biex jattendi għal din is-sessjoni.

21.4.3 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li kien irċieva komunikat li kellha ssir viżita uffiċċjali fil-Kunsill Lokali L-Iklin mill-Onor. Dr. Karl Gouder (Spokesperson for Local Government and Communities) nhar l-Erbgħa, 8 ta' Lulju 2020 fl-1000hrs.

21.4.4 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li fil-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill kien ippjana l-asfaltar ta' Triq il-Bruka. Wara d-diskussjonijiet li saru ma' Infrastructure Malta, kien deċiż li Triq il-Bruka ser tidħol fil-programm tax-xogħlijiet ta' Infrastructure Malta wara li jingħalaq il-proġett ta' Triq il-Wied.

Is-Sindku irringrazzja pubblikament lil Infrastructure Malta u semma r-rapport eċċellenti li jeżisti bejn il-Kunsill u Infrastructure Malta.

## 21.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

21.5.1 Ma kienx hemm.

## 21.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

21.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-10 ta' Ġunju u t-2 ta' Lulju 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

21.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1230/20. Servizzi lill-Anzjani mill-Kunsilli Lokali.

Il-Viċi Sindku infurmat li kienet iltaqgħet ma' Uffiċċjali mill-Active Ageing & Community Care dwar il-proġett Iklin/Balzan Active Ageing Centre biex jaraw is-Sala tal-Kunsill. Mill-ispezzjoni li saret, l-Uffiċċjali jemmnu li s-Sala tal-Kunsill għandha potenzjal biex isservi bħala Ċentru però kien innutat li l-post ma jakkomodax persuni bi bżonnijiet speċjali u għaldaqstant għaddew ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom biex il-post ikun aċċessibbli għal kulħadd. Il-Viċi Sindku irrimarkat li l-Kunsill irid jissodisfa l-kriterji u jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-KNPD u mal-istandards ta' *Social Care Standards Authority* u mal-Ispettorat tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol. Nitkellmu mall-Perit tal-Kunsill dwar l-imsemmija rakkomandazzjonijiet.

21.6.3 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1284/20. Talba lill-Kuntrattur għall-ordni ta' sinjali tat-traffiku Un/Loading.

**COMPLAINTS SHEET (10 June - 02 July 2020 )**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 128 | 10/06/2020 | Hemm arblu tal-injam li qiegħed mingħajr użu fi Sqaq Giarda. Minħabba fih il-vetturi goffi qed jgħaddu eżatt maċ-ċint tas-sejjiegħ. | pending | Sqaq Giarda | **Go p.l.c** |
| 129 | 10/06/2020 | Qed jgħaddu inġenji goffi minn Sqaq Giarda u dejjem qed iressqu l-ħajt tas-sejjiegħ. B'konsegwenza li jekk iċċedi hemm sular u nofs għal isfel. | pending | Sqaq Giarda | **COUNCIL** |
| 130 | 15/06/2020 | Hemm xi residenti qed jitfgħu il-ħobż fl-art f'żewġ postijiet fi Triq Ġuzeppi Calleja c/w Triq AM Galea. Minħabba f'hekk qed jaraw il-ġrieden. | pending | Triq Guzeppi Calleja | **COUNCIL** |
| 131 | 15/06/2020 | Talba biex isiru sinjali fuq il-bankina ta' Triq AM Caruana biex jindikaw li jistgħu jipparkjaw nofshom fuq bankina u nofshom fit-triq. Għaliex meta jgħaddi xi warden ġdid qed jagħti ċitazzjonijiet. | pending | Triq AM Caruana | **COUNCIL** |
| 132 | 16/06/2020 | Talba biex jitneħħa il-ħaxix minn Triq ir-Razzett l-Aħmar u xi skart fejn borehole, forsi titwaħħal tabella? | pending | Triq Razzett L-Ahmar | **COUNCIL** |
| 133 | 16/06/2020 | Resident qed jirringrazzja lill-Kunsill talli tneħħew Bring-in sites ta' Triq Naxxar u talab biex forsi isiru xi siġar | pending | Triq Naxxar | **COUNCIL** |
| 134 | 18/06/2020 | Ilment li fi Triq il-Wied int u tiela hemm il-ħaxix ħiereġ mil-vilel għal fuq il-bankina, apparti x-xogħol li għaddej fuq il-proġett ta' Triq il-Wied.. | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 135 | 18/06/2020 | Talba għal (2) *covers* ma' (2) bozoz fi Triq Karmenu Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **ENEMALTA** |
| 136 | 19/06/2020 | Ilment dwar wires mal-faċċata ta' residenza fi Triq Ġwann Mamo li qed tagħmel ħafna ħsarat tal-faċċata. | pending | 39, Triq Gwann Mamo | **ENEMALTA** |
| 137 | 19/06/2020 | Ilment dwar parti mill-bankina difettuża quddiem residenza nru. 58 fi Triq Karmenu Vassallo. | pending | 58, Triq Karmenu Vassallo | **W.S.C** |
| 138 | 23/06/2020 | Rapport dwar infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq San Mikiel | pending | Triq San Mikiel | **HEALTH DIRECTORATE** |
| 139 | 24/06/2020 | Hemm parti mill-bankina li ċediet fi Triq Ġużè' Bonnici. | settled | Triq Guze' Bonnici | **COUNCIL** |
| 140 | 24/06/2020 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu ħdejn stabbiliment tan-negozju fi Triq Ġeronimo Abos. | settled | Triq G Abos | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 141 | 25/06/2020 | Talba biex jinkines xi ramel li jinġabar fi Triq Giovanni Curmi k/m Triq Stefano Erardi | pending | Triq Giovanni Curmi | **CONTRACTOR** |
| 142 | 26/06/2020 | Talba biex isir *road-patching* fi sqaq fi Triq il-Hwawar, qabel Road servicing Ltd | pending | Sqaq fi Triq il-Hwawar | **COUNCIL** |
| 143 | 27/06/2020 | Talba biex issir rilokazzjoni ta' sleeping policeman li hemm fi Pjazza Ninu Cremona issir fi Triq Ġużè Pesci qabel ma titla' minn Pjazza Ninu Cremona għaliex diffiċli biex toħroġ. | pending | Pjazza Ninu Cremona | **COUNCIL** |
| 144 | 30/06/2020 | Ilment dwar karozza abbandunata fi Triq Censu Bugeja c/w Triq Stefano Erardi. | settled | Triq Censu Bugeja | **POLICE** |
| 145 | 30/06/2020 | Ilment dwar ġrieden fl-egħlieqi ta' Triq Karmenu Vassallo. | pending | Triq Karmenu Vassallo | **HEALTH DIRECTORATE** |
| 146 | 02/07/2020 | Talba biex titwaħħal tabella mal-parking tal-MC, li hemm quddiem Triq San Mikiel | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 147 | 02/07/2020 | Leakage ta' ilma ħiereġ fi Triq P P Saydon quddiem residenza nru. 4. | pending | Triq P P Saydon | **ENEMALTA** |

## 21.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

21.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

21.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

21.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 21 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

21.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

## 21.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-MAR 2020

21.9.1 Is-Sindku Dr. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report għall-ewwel kwart ta' din is-sena li jkopri l-perjodu ta' bejn Jannar u Marzu 2020.

L-Accountant ippreżenta Rapport Finanzjarju dettaljat fejn ippreżenta Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Property, Plant, and Equipment.

Id-dħul għal dan il-perjodu kien jammonta għal Eur87,888 filwaqt li l-ispejjeż kienu jammontaw għal Eur75,840 filwaqt li d-deprezzament kien jammonta għal Eur10,544. L-allokazzjoni finanzjarja għal dan il-perjodu kien jammonta għal Eur71,676. Income mill-ħruġ tal-permessi kien jammonta għal Eur2,757 filwaqt li dħul ieħor kien jammonta għal Eur3,596.

L-Accountant ikkonkluda li l-financial performance għal dan il-perjodu irriżulta f'*surplus* ta' Eur12,048.

21.9.2 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

21.9.3 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova l-*Quarterly Financial Report*.

21.9.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 21.10 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

21.10.1 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li ġiet imsejħa *site meeting* mall-Perit u l-Kuntrattur li ser jaħdem fuq il-proġett tar-rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ fi Sqaq Ġarda u parti minn Triq Għargħur, proġett tal-Kunsill taħt il-Miżura 4.4 (EARDF) 80%-20%.

Matul din il-laqgħa, se jkun qed jiġi diskuss il-programm tax-xogħol u l-immaniġġjar tat-traffiku waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet. Il-Kunsill applika għall-permess tax-xogħlijiet mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex il-Kuntrattur ikun jista jibda bix-xogħlijiet.

**20.11 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

20.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju 2020 fil-5.30 pm.

20.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il- Ġimgħa, 31 ta' Lulju 2020 2020 fil-5.30 pm.

20.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.20 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |